TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Mary Sacco

Vs

SMS Mondial Limited

CCT 179/19/MM

Illum, 6 ta' Settembru 2021

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fit-23 ta' Diċembru 2019 fejn talbet is-somma ta' ħames mitt Ewro (€ 500), bħala kumpens għan-nuqqasijiet allegati minnha fir-rigward tal-btala li hija marret kif reklamata mis-soċjeta' intimata.

Illi permezz ta' risposta datata 9 ta' Jannar 2020, is-soċjeta' intimata eċċepiet illi fuq linja preliminari dan it-Tribunal ma huwiex kompetenti sabiex jisma dan il-każ stanti li hemm qbil bejn il-partijiet li l-Qorti Maltija għandha l-kompetenza esklussiva u għalhekk dan it-Tribunal għandu jastjeni milli jisma dan il-każ. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, kontra dak li qed tallega r-rikorrenti, it-tqassim tal-passiġġieri fuq l-imwejjed tal-ikel hija prerogattiva tal-awtorijiet tal-vapur u mhux tal-kumpannija intimata. Ir-rikorrenti tilfet l-excursion ta' wara nofsinhar fuq deċiżjoni tagħha stess. Il-post tagħha fuq il-kowċ kien hemm u baqa vojt.

Ra l-atti kollha tal-proċess.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi preliminarjament jingħad li dan il-każ huwa konness mal-każ bin-numru CCT 178/19/MM u għalhekk skont il-verbal datat 17 ta' Novembru, 2020, dawn il-każi insteghmu kontestwalment b'dan illi kull prova miġburha f'wieħed minnhom kienet tapplika għall-ieħor u *vice versa.*

Illi fix-xhieda tagħha r-rikorrenti tgħid li hi u r-rikorrenti fil-każ CCT 178/19/MM u ċioe Maria Carmela Sant, kienu bbukjaw tour mal-SMS Mondial Ltd mill-25 ta' Awwissu 2019 sal-1 ta' Settembru 2019 bħala *cruise* ġewwa l-Fjords, fin-Norveġja. Illi l-ewwel ilment tar-rikorrenti jikkonċerna l-fatt li għall-ikla ta' filgħaxija hi u r-rikorrenti l-oħra ma kellhomx post mal-mejda tal-Maltin iżda kienu ma' grupp barranin. It-tieni ilment kien jirrigwarda incident li kien inqala bejn ir-rikorrenti u t-*tour leader,* ċertu Mrs Ghio fejn skonthom wara li huma kienu allontanaw ruħhom u ma baqgħux mal-grupp, it-*tour leader* ma kelliex taħtafhom minkejja li hi bdiet tipprova tagħmel kuntatt magħhom permezz tat-*telephone* għax ħasbet li ntilfu u huma ma rrispondewhiex. It-tielet ilment kien jirrigwardja *tour* partikolari fejn skonthom it-*tour leader* kienet żgwidat lir-rikorrenti li meta huma staqsewha x'kienu ser jaraw kieku jmorru rrispondiethom li kienu ser jaraw iktar muntanji bħal ma kienu raw filgħodu. Illi r-rikorrenti jħossu li d-deċiżjoni tagħhom li ma jmorrux għal dik l-attivita' kienet saret fuq informazzjoni żbaljata għaliex sussegwentement kien hemm nies fuq il-vapur li kienu attendew li kienu għarrfuhom li dik l-attivita' partikolari kienet l-isbaħ waħda.

Illi bil-ġurament tiegħu, Alfred Cappello bħala l-*Customer Care Executive* fi ħdan is-soċjeta' intimata jispejga illi wara li jkunu saru s-sottomissjonijiet tad-dokumenti neċessarji mal-vapur l-għażla tat-*table seating* issir bid-diskrezzjoni assoluta tal-vapur u għalhekk is-soċjeta' intimata ma jkollha l-ebda kontroll fuq din l-għażla. Madanakollu fi kwalunkwe każ dawk il-passiġġiera li ma jkunux kuntenti bis-*seating* jistgħu jagħmlu ilment mar-*restaurant manager* li jkun lest li jakkomoda dawn l-ilmenti.

Illi mix-xhieda ta' Carmen Ghio jirriżulta illi fir-rigward tat-tieni lment u ċioe l-allegat incident bejnha u bejn ir-rikorrenti jirriżulta illi f'dik l-attivita' partikolari, kuntrarjament għas-solitu fejn ir-rikorrenti kienu dejjem ikunu puntwali, dakinhar ir-rikorrenti kienu ddeċidew li flok jiltaqgħu mal-grupp bħas-soltu huma jaqbdu u jitilgħu abbord il-vapur waħedhom. Dan għamluh mingħajr ma avżaw lil ħadd. Illi kif jirriżulta kemm ineżami u kemm in kontro-eżami tar-rikorrenti, ir-rikorrenti Sant kienet irċeviet telefonata minn Malta u filwaqt li t-*tour leader* bdiet tipprova tagħmel kuntatt magħhom għaliex kellha l-grupp kollha jistennihom, huma kienu qegħdin f'din it-telfonata ma' xi ħadd Malta, b'riżultat li wara li t-*tour leader* qabdithom mal-erbgħatax-il darba (14) li ppruvat iċċempel setgħa jagħti l-każ li dak il-ħin kienet ħatfithom.

Illi jirriżulta mix-xhieda li fir-rigward tat-tielet ilment, ir-rikorrenti kellhom diġa l-biljetti mixtrija sabiex jekk iridu setgħu jattendu għall-attivita' in kwistjoni iżda huma kienu għażlu li ma jattendux.

Skont ir-rikorrenti huma ma kienux attendew minħabba li kienu ġew żvijati mit-*tour leader* billi qaltilhom li kienu ser jaraw xenarju simili bħal dak li kienu diġa raw dakinhar filgħodu.

Ikkunsidra

*Eċċezzjoni Preliminari*

Illi qabel ma' dan it-Tribunal jgħaddi sabiex jeżamina l-mertu tal-każ odjern ser jipprosegwi sabiex jeżamina l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjeta' intimata u ċioe l-kompetenza ta' dan it-Tribunal innifsu.

Illi tajjeb li jiġi enfasizzat illi kien biss permezz ta' ħafna deduzzjonijiet li t-Tribunal setgħa jasal għall-provi fir-rigward ta' din l-eċċezzjoni u dan għaliex strettament is-soċjeta' intimata qatt ma għamlet referenza għal din l-eċċezzjoni fil-provi tagħha. Iżda meta wieħed jikkunsidra għal-liema provi setghet kienet qegħda tirreferi għalihom is-soċjeta' intimat wara eżami tal-kopja tal-*booking form* u t-termini tal-kondizzjonijiet relattivi fihom hemm referenza għall-kompetenza esklussiva tal-qrati ordinarji Maltin.

Illi dan it-Tribunal jisħaq illi l-klawżola ta' ġurisdizzjoni kontenuta fit-termini u l-kundizzjonijiet (li effettivament huma *standard form contract*) hija waħda li ċċaħħad lir-rikorrenti minn jhedd mogħti lilha taħt il-Kap 378, senjatament l-Artikolu 20:

"20(1) Tribunal ikollu ġurisdizzjoni li jisma' u jaqta' talbiet magħmula minn konsumaturi kontra kummerċjanti meta l-valur tat-talba, minbarra l-imgħax u l-ispejjeż, ma jkunx aktar minn tliet elef u ħames mitt euro (€3,500) u meta t-talba jkollha x'taqsam ma', toħroġ minn jew tkun dwar, sew direttament sew indirettament –

(a) ix-xiri jew kiri minn konsumatur ta' oġġetti mingħand kummerċjant;

(b) l-għoti ta' servizzi minn kummerċjant lil konsumatur.

(2) Il-ġurisdizzjoni ta' tribunal ma għandhiex tkun waħda esklussiva, u l-għażla tkun f'idejn il-konsumatur dwar jekk għandux iġib azzjoni kontra kummerċjant quddiem tribunal jew quddiem il-qrati ordinarji......".

Kif wieħed jista' jara, l-Artikolu 20 jagħmilha ċara li l-għażla dwar jekk konsumatur jagħmilx kawża kontra l-kummerċjant quddiem tribunal jew il-qrati hi esklussivament tiegħu. Għalhekk l-għażla ma tistax tiġi imposta fuq il-konsumatur.

Wieħed jista' jargumenta li l-konsumatur għażel liberament minn qabel inqalgħet il-kwistjoni, li jressaq kull azzjoni kontra n-negozjant quddiem il-qrati. Madankollu, subinċiż (2) jagħti lil dan it-

Tribunal x'tifhem li l-konsumatur għandu l-jedd li jeżerċita l-għażla fiż-żmien meta tinqala' l-kwistjoni. Hu f'dak il-mument li l-konsumatur jista' b'mod liberu jagħżel x'jaqbillu l-iktar li jagħmel. Inoltre', dan m'huwiex każ fejn ġew negozjati l-kundizzjonijiet ta' kuntratt. Kien każ ta' take it or leave it, fejn ċertament ir-rikorrenti ma kienetx libera li tagħżel għaliexil-kundizzjoni ġiet imposta fuqha.

Oltre dan, ma hemmx prova li l-kundizzjonijiet, fosthom il-*jurisdiction clause*, kienu ġew spjegati lir-rikorrenti qabel xtrat it-*tour* mingħand il-konvenuta.

Għalhekk, l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjeta' intimata qegħda tiġi miċħuda.

*Fil-mertu*

Illi fl-ewwel lok tajjeb li jiġi enfasizzat illi minkejja li r-rikorrenti tallega numru ta' nuqqasijiet kontra s-soċjeta' intimata, fl-ebda mumenti ma hija tissotanza bi prova dokumentarja jew fix-xhieda tagħha l-ammont minnha pretiż tant li l-ewwel diffikulta' li dan it-Tribunal jiffaċja huwa proprju n-natura tat-talba monitarja tar-rikorrenti u l-ġustifikazzjoni warajha. Illi f'dan in-nuqqas wieħed jittenta biss jifhem li l-ammont ta' ħames mitt Ewro (€ 500) qiegħed jintalab bħala forma ta' kumpens għall-allegati sofferenzi tar-rikorrenti.

Illi fir-rigward tal-ilment partikolari, dan it-Tribunal kellu l-opportunita' li jissindika wieħed wieħed l-ilmenti imsemmija mir-rikorrenti u *ai fini* ta' kjarezza qegħdin jiġi indirizzati individwalment kif isegwi.

*1.Seating waqt l-ikla ta' filgħaxija –*

Illi fl-ewwel lok jerġgħa jiġi enfasizzat illi *s-seating* ma huwiex f'idejn l-aġent iżda fil-kontroll assolut tad-diriġenti tal-vapur. Madankollu jirriżulta u anki saħansitra kkonfermat mir-rikorrenti nnifisha li wara li t-*Tour Leader* ġiet a konjizzjoni tal-ilment tar-rikorrenti hija għamlet dak kollu li setgħet sabiex tindirizza l-ilment tar-rikorrenti u jirriżulta li eventwalment is-*seating* kien inbidel sabiex jirifletti x-xewqat tagħhom

*2.L-inċident mat-Tour Leader –*

Illi jirriżulta miż-żewġ partijiet li għal xi raġuni r-rikorrenti ma għamlux kif kienu mistennija li jagħmlu u ċioe li jingħaqdu mal-grupp iżda minn jheddhom iddeċidew mingħajr pre-avviż li huma jitilqgħu fuq il-vapur waħedhom. Illi jekk kemm il-darba it-*Tour Leader* verament kienet għolliet xi ftit leħinha wara li kien irnexxielha tagħmel kuntatt mar-rikorrenti sabiex tindaga fejn kienu baqgħu dan ċertament ma sarx b'mod offensiv lejn ir-rikorrenti iżda frott tal-pressjoni u l-frustrazzjoni li hija kienet qed issofri meta minn banda kienet kif spjegat ħalliet nofs il-grupp f'post jistennewha sa kemm hija kienet qegħda tipprova tagħmel kuntatt mar-rikorrenti sabiex tara fejn kienu baqgħu

meta dawn konvenjentement mhux biss ma kienux taw pre-avviż li kienu ser jieħdu ħsieb għal rashom iżda iktar u iktar għażlu li jagħmlu telefonata ma' qraba Malta proprju fil-ħin li huma suppost kellhom jiltaqgħu lura mal-grupp. Ċertament dan in-nuqqas ma kienx min-naħa tat-*Tour Leader* iżda frott in-nuqqas min-naħa tar-rikorrenti.

*3.L-inattendenza tar-rikorrenti għal-attivita' partikolari –*
Illi fir-rigward tat-tielet ilment jirriżulta li r-rikorrenti kellhom il-possibilita' li jattendu għal din l-attivita' u kienet biss bl-għażla libera tagħhom li huma għamlu l-ġudizzju jekk għandhomx jattendu jew le. Illi s-soċjeta' intimata bl-ebda mod ma tista' tinstab responsabbli għal din l-għażla tar-rikorrenti iktar u iktar meta l-ilment tagħhom skatta biss wara li semgħaw minn xi nies fuq il-vapur li din l-attivita kienet 'l-isbaħ waħda'. Din hija totalment opinjoni soġġettiva ta' terzi u ċertament ma ssibx sodezza legali sabiex wieħed iserraħ moħħu li s-soċjeta' intimata hija responsabbli għal danni naxxenti minn din is-soġġettivita'.

Għalhekk, fid-dawl ta' dan kollu, it-Tribunal jiddeċiedi billi jiċħad it-talba tar-rikorrenti fl-intier tagħha.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

Martha Mifsud LL.D.
Arbitru